SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 12/KA2/15

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/10 – 05/08/15** **53**

**Nru ta' seduti minn 12/07/10 – 05/08/15** **63**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 02/12/14** **06**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 05 ta' Awwissu 2015.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio
Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa.
Il-Membru Joseph Oliva

Is-Sindku Karl Gouder
Is-Segretarju Eżekuttiv Paul Spiteri
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati: (1) Il-Membru Maria Dolores Falzon

1.05 Assenti: (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku :- (0)

1.07 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa’ fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-31 ta’ Lulju 2015. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta’ Minuti
2. Korrispondenza
3. Co-option ta’ Membru
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets
7. Aġġornament tal-laqgħa

**1.3 Approvazzjoni ta’ Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 11/KA2/15 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Iċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

1.3.03 Il-Viċi-Ċermen ssekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P323 Talba mingħand is-Sur Jonathan Grima sabiex titpoġġa tinda fi Triq San Ġorġ kull nhar ta’ Erbgħa.

P284 Email mingħand l-Awtorita’ tat-Turiżmu dwar applikazzjoni ta’ mwejjed u siġġijiet ta’ Monte Carlo Bar fi Triq Ball.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P268**

2.02 Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Jonathan Grima sabiex titpoġġa tinda fi Triq San Ġorġ kull nhar ta’ Erbgħa. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni li ssir din it-tinda.

**Rif. Nru. P284**

2.03 Saret riferenza għal-email mingħand l-Awtorita' tat-Turiżmu dwar applikazzjoni ta' mwejjed u siġġijiet ta' Monte Carlo Bar fi Triq Ball. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jitħalla aċċess għall-*wheelchair* jew *pushchair*.

**3 Co-option ta' Membru**

3.01 Iċ-Ċermen reġa' nforma lill-Kumitat li għadu ma sab lil ħadd li hu nteressat.

3.02 Ġie deċiż unanimament li din il-materja terġa tiġi diskussa waqt il-laqgħa li jmiss.

**4 Laqgħa mal-Awtorita' tat-Turiżmu**

4.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kumitat li s-Sur Mark Scerri Simiana li ma setax jattendi għal din il-laqgħa.

4.02 Ġie deċiż unanimament li terġa tintalab il-lista tal-imwejjed u siġġijiet f'Paceville.

**5 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

5.01 Ġie deċiż unanimament li tintbaghat ittra lic-Chivas Restaurant fi Triq Dragunara, Candles Restaurant fi Triq Gort, u Ambaxxata Venezuela fi Triq Wilga sabiex dawn jitneħħew l-iskips minn fuq il-bankina peress li huma illegali.

5.02 Il-Kumitat ġie nfurmat li s-Sindku għandhu jressaq rapport dwar it-traffiku f'Paceville u kif tista' tissolva din il-problema. Dan għandhu jiġi mressaq waqt il-laqgħa tal-Kumitat.

5.03 Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Crows Nest Pub u Dick's Bar sabiex l-imwejjed u s-siġġijiet li għandhom jitneħħew peress li huma llegali.

**6 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'A').

6.01 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ssekondah.

6.02 Il-Membru Joe Oliva astjena minħabba li ma jridx jieħu responsabbilita' fuq il-pagamenti u minħabba li għandu d-dubju fuq il-kwalita' tax-xogħol.

6.03 Il-pagamenti ġew approvati.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. P342 sa' nru. P347 għall-approvazzjoni u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendici 'B')

7.02 Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa ssekondah.

7.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**8 Aġġornament tal-laqgħa**

8.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015 fil-5.00 p.m.

8.02 Il-laqgħa ntemmet fit- 2.50p.m.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**